MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 182/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Clive Debono**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clive Debono detentur tal-karta tal-identita` numru 281681(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Novembru 2008, jew fil-jiem ta' qabel irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali:
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif

teddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-Titolu IV tal-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2008 u x-xhur ta' wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

U b'hekk, sar recediv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1)(b), 121A, u186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Clive Debono hati tal-akkuzi kollha u minhabba l-addebitu tar-recediva bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------